**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 110/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Luke John Milton**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Luke John Milton, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 174496(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fid-9 ta' April 2021, għall-ħabta ta' 9:30am u matul il-ġranet ta' qabel, ġo Princess Building Office 1, Level 1, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, kiser id-disposizzjonijet tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika u fixkel lill-uffiċjali awtorizzati taħt l-istess Att billi ta informazzjoni qarrieqa li tirrigwarda s-Saħħa Pubblika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(c)(d), 9 u 44 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Luke John Milton ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih u kkundanatu għall-multa ta' mitejn u ħamsin Ewro.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tilqa' l-appell intavolat minnu u dana billi tħassar u tannulla s-sentenza

appellata u jekk ikun il-każ, tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fl-istess atti fis-16 ta' Ġunju 2022 u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar id-19 ta' Mejju 2023.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant huwa jisħaq li ma seta' qatt jinstab ħati ta' l-imputazzjoni kif ifformulata billi fid-9 ta' April 2021, għall-ħabta tad-9:30am u matul il-ġranet ta' qabel, huwa ma kienx fl-indirizz indikat "Princess Building", Office 1, Level 1, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, kif indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jfassal ir-rekwiżiti li l-Liġi trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti fil-bidu tal-proċediment penali stitwit kontra tiegħu -

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smigħ bid-difiza u bil-provi tiegħu *in difesa*, sabiex l-istess kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smigħ. Issa in-nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni

u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 -

> **Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...**

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
>
> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761).**

Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni tkun giet eżawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Illi l-fatti probatorji għandhom ikunu jinkwadraw ruħhom, almenu b'mod approssimattiv, mal-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat. Illi l-appellant iqis illi dan ma seħħx f'dan il-każ għaliex jikkontendi illi mill-provi ma kienx jemerġi illi huwa kien jinstab fil-lok indikat fiċ-ċitazzjoni fiż-żmien temporali hemmhekk indikat biex b'hekk għall-

Ewwel Qorti kellu jkun impossibbli li tasal biex issib ħtija meta il-provi ma jinkwardawx ruħhom fil-binarji tal-azzjoni hekk kif definiti fiċ-ċitazzjoni.

Illi, l-appellant huwa mixli li kkometta l-att vjolattiv nhar id-9 ta' April 2021 u matul il-ġranet ta' qabel ġewwa il-fond Princess Building, Office 1, Level 1, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad. Minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-Uffiċjali tas-Sanita' kienu tkellmu mal-appellant in konnessjoni man-nuqqas minn naħa tiegħu u ta' nies li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu fin-negozju fejn huwa impjegat, illi jagħmlu il-kwarantina mandatorja wara li rritorna Malta minn pajjiż esteru, u dan għal erbatax-il jum kif kien stipulat fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni meta Malta bħall-bqija tad-dinja kienet għadha maħkuma mill-pandemija tal-*Covid-19.* Dan seħħ telefonikament fil-jum tad-09 ta' April 2021 ġewwa il-lok indikat fiċ-ċitazzjoni. Illi mill-korrispondenza eżebita in atti, mbagħad, jemerġi illi l-appellant kien iddeċieda li jagħmel il-kwarantina kif dirett mill-Uffiċjali tas-Sanita' ġewwa l-indirizz indikat fiċ-ċitazzjoni u ċioe' Princess Buildings, Office 1, Level 1, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad u dan minħabba li t-tfajla tiegħu kienet tqila, għalkemm l-Uffiċjali tas-Sanita' ma tawx permess sabiex isir dan billi dan l-indirizz kien uffiċċju u mhux dar residenzjali.

Illi allura immaterjalment jekk l-imputazzjoni tirriżutax ippruvata o meno, minn din il-korrispondenza skambjata u ukoll mix-xhieda ta' Aldo Magro li tkellem mal-appellant, huwa indubitat illi l-att vjolattiv tal-liġi seħħ kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Mhux biss iżda f'*email* mibgħuta mill-legali tal-appellant Dr.Mary Gauci, jirriżulta illi fit-12 ta' April 2021 saret spezzjoni minn Aldo Magro fl-indirizz indikat fejn huwa kellem lill-appellant u infurmah li ma kienx qed jiġi approvat mid-Dipartiment illi huwa jagħmel il-kwarantina mandatorja f'dan l-indirizz billi dan kien uffiċju u mhux dar residenzjali.

Illi allura huwa indubitat illi l-iskop taċ-ċitazzjoni intlaħaq bl-appellant ikun mgħarraf b'mod ċar bid-dettalji tal-imputazzjoni li dwarha huwa kien qed jiġi mixli u bil-provi jindikaw illi dawn id-dettalji jittalljaw ma' dak li jemerġi mill-provi almenu b'mod approssimattiv. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

Illi fit-tieni aggravju, imbagħad, l-appellant jilmenta illi l-provi li fuqhom l-Ewwel Qorti sejset il-ħtija ma għandhomx valur probatorju stante illi ma ġewx ikkonfermati mill-awturi ta'l-istess. Dan b'referenza għall-korrispondenza elettronika skambjata bejn l-Uffiċjali tas-Sanita' u allegatament l-appellant. Jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova konsistenti fil-konferma illi l-mittenti tal-*emails* li minnhom kienet derivata l-informazzjoni allegatament qarrieqa kien proprju l-appellant u li l-indirizz elettroniku indikat fihom jappartjeni proprju lilu.

Illi l-Qorti lanqas hawn ma tista' tagħti raġun lill-appellant. Illi mix-xiehda tal-Uffiċjal tas-Sanita' Aldo Magro jirriżulta lil hinn minn kull dubbju, illi huwa kien qed jikkomunika mal-appellant rigward il-kwistjoni jekk kenitx saret il-kwarantina obbligatorja ta' 14-il jum meħtieġa minn kull persuna li tivvjaġġa lejn l-Ingilterra. Dak li jemerġi minn din il-korrispondenza elettronika, li Magro jikkonferma li kienet intbagħtet minnu lill-appellant, jikkombaċja mal-provi l-oħra ċirkostanzjali li hemm fl-atti u ċioe' illi l-appellant irħielha lejn l-Ingilterra fil-31 ta' Marzu 2021 bl-arjuplan, imbagħad niżel lura Malta ma' grupp nies oħra b'karozzi, meta dawn ivvjaġġaw bil-*catamaran* tal-*Virtu Ferries* minn Sqallija fis-06 ta' April 2021, sabiex b'hekk il-kwarantina mandatorja minnu u minn nies li kienu qed jivvjaġġaw miegħu ta' 14-il jum ma sarx, u dan kuntrarjament għal dak dikjarat mill-appellant stess lis-sur Magro fid-09 ta' April telefonikament illi din il-kwarantina kienet saret ġewwa l-Ingilterra. Illi l-appellant ma jressaq ebda prova sabiex iwaqqa' din l-evidenza. Mhux biss iżda wara dan huwa pprovda dokument bil-għan li jiżvija lil dawn l-uffiċjali illi huwa kien vvjaġġa lejn l-Ingilterra fl-24 ta' Frar 2021. Imbagħad minn *e-mails* skambjati mad-Dipartiment tas-Sanita', kif ikkonfermat mix-xhud Malcolm Vella Haber, l-appellant għamel talba lid-Dipartiment biex huwa jagħmel il-kwarantina mandatorja ġewwa l-lok indikat fiċ-ċitazzjoni, sabiex din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija moralment konvinta illi kien l-appellant l-persuna li kien qed jiskambja informazzjoni mad-Dipartiment kif indikat fl-*emails* eżebiti in atti, u ħadd iktar, u għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa ta' konferma ulterjuri billi l-provi ċirkostanzjali kollha jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn l-appellant.

L-appellant imbagħad isostni illi l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu qatt ma setget tirnexxi billi l-informazzjoni mgħoddija minnu lill-Uffiċjali ma kenitx waħda qarrieqa, kif allegat u li bl-ebda mod huwa ma fixkel lill-istess uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom kif mixli, u dan fit-tielet u ir-raba' aggravji minnu ventilati. Isostni illi l-informazzjoni mogħtija minnu fir-rigward tan-nies li kienu qed jakkompanjawh fil-vjaġġ, u l-indirizzi tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni illi huma kienu waslu Malta minn Sqallija kienet informazzjoni li għandha mis-sewwa. Lanqas hemm prova, fil-fehma tiegħu, li l-biljetti tal-ajru minn Malta lejn l-Ingilterra inxtraw minnu u li hu verament ivjaġġa lejn l-Ingilterra kif allegat.

Illi mill-provi li hemm fl-atti u mix-xiehda ta' Aldo Magro jirriżulta illi għalkemm huwa minnu li l-appellant ma innegax li huwa kien ivvjaġġa lejn l-Ingilterra u niżel lura Malta minn Sqallija bil-*catamaran*, madanakollu ipprovda informazzjoni qarrieqa lill-Uffiċjali tas-Sanita' meta huwa stqarr illi kien ivjaġġa lejn l-Ingilterra fl-24 ta' Frar 2021 u għadda kopja tal-biljetti tal-ajru[1] lill-imsemmija Uffiċjali biex b'hekk isostni dak dikjarat minnu meta mitkellem illi il-kwarantina kien għamilha fl-intier tagħha. Issa għalkemm mix-xhieda ta' Jonathan Abdilla, rappreżentant tal-*Airmalta* huwa minnu li l-appellant ivjaġġa lejn l-Ingilterra fl-24 ta'Frar 2021, madanakollu huwa kien ivjaġġa għal darb'oħra minn Malta lejn l-Ingilterra fil-31 ta' Marzu 2021, sabiex b'hekk l-informazzjoni li huwa għadda lill-Uffiċjali kienet waħda qarrieqa intiża unikament biex tiżvija lil dawn l-Uffiċjali bil-għan li huwa jevita li jagħmel il-kwarantina mandataorja ta' 14-il jum. Għalhekk l-appellant m'għandux raġun lanqas f'dan l-aggravju. Kien ikkonfermat fuq kollox mix-xhud Abdilla illi huwa kien ivjaġġa lejn l-Ingilterra fit-31 ta'Marzu 2021 billi kien inqata' biljett tal-ajru f'ismu għal vjaġġ f'dan il-jum. Ma kien jenħtieġ allura ebda prova oħra fir-rigward ta' dan il-vjaġġ u jekk l-appellant dehrlu li kellu jikkontesta din il-prova ċirkostanzjali huwa seta' jagħmel dan, ħaġa iżda li baqa' ma għamilx.

Illi l-artikolu 8(c) u (d) tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti is-setgħa lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika jew xi uffiċjal minnha awtorizżat illi jiksbu

[1] Dokument AM1

kwalunkwe informazzjoni lil tirrigwarda is-saħħa pubblika minn għand kull persuna jew xi nformazzjoni oħra dwar l-attivitajiet tagħha nnifisha jew ta' xi persuna oħra dwar xi ħaġa taħt l-Att. Dan ifisser illi kien obbligu tal-appellant li igħaddi kwalunwke informazzjoni lilu mitluba kif regolat fl-Att u n-nuqqas li jagħmel dan, jew li jgħaddi xi informazzjoni qarrieqa jew inveritjiera, jammonta għal reat fit-termini tal-artikolu 42 u 44 tal-Att. Illi l-appellant ukoll huwa errat, allura, meta jipprova jestendi id-dritt għas-silenzju tal-persuna suspettata, jew akkużata, bil-kummissjoni ta' xi reat sabiex ikopri dan in-nuqqas sanzjonat bil-liġi u dan għaliex ġaldarba sa dan il-mument, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta' Ġunju 2022, huwa kien għadu mhux suspettat bl-ebda reat iżda kien qed tiġi lilu mitluba l-informazzjoni kif obbligat bil-liġi li jagħti, dan in-nuqqas huwa reat bl-appellant allura ma jistax jinvoka il-jedd għas-silenzju jew ta'l-assistenza legali, liema jeddijiet ma humiex mogħtija f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk, il-Qorti tqies illi ma hemm ebda motiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti. Huwa ndubitat illi, bil-għan li jiżvija u ifixkel lill-Uffiċjali tas-Sanita', l-appellant ipprovda informazzjoni qarrieqa sabiex jevita milli jagħmel il-kwarantina mandatorja preskritta fil-liġi f'dak iż-żmien minħabba it-tixrid tal-pandemija tal-*coronavirus*.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**